MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2024

Appell Inferjuri Numru 272/2021 LM

**Daniel Esposito (K.I. nru. 149683M)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Paul Borg (K.I. nru. 1061846M)**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mill-attur **Daniel Esposito (K.I. nru. 149683M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'], mis-sentenza mogħtija fil-25 ta' Marzu, 2024 [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'], mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], li ddeċidiet it-talbiet tal-attur u l-

l-eċċezzjonijiet tal-konvenut **Paul Borg (K.I. nru. 1061846M)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'], kif ġej:

> *"Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet fir-risposta tal-konvenut biss safejn huma inkompatibbli ma' dak hawn deċiż, tilqa' biss parzjalment it-talbiet tal-attur billi tiddikjara illi DANIEL ESPOSITO għandu jieħu s-somma ta' elf, sitt mija u sitta u sebgħin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€1,676.94) rappreżentanti l-bilanċ dovut fuq il-fattura I192020 u tikkundanna lil PAUL BORG iħallsu dan l-istess ammont, bl-imgħax mid-data tal-ittra ġudizzjarja bin-numru 1745/2021 datata 24 t'Awwissu, 2021 u bl-ispejjeż jitħallsu mill-partijiet nofs bin-nofs.*
>
> *Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga u jieħu azzjoni kriminali fil-konfront ta' DANIEL ESPOSITO għar-reat ta' falsifikazzjoni taħt l-artikoli 183, 184, 187 u 189 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll għar-reat ta' sperġur taħt l-artikoli 103, 106 u 108 tal-istess Kodiċi Kriminali."*

## Fatti

2. L-attur spjega li huwa jopera taħt il-marka 'Leinad Construction' fuq bażi *self-employed,* u li kien għamel xi xogħol ta' twaqqigħ u bini mill-ġdid ta' saqaf fir-raba' sular ta' blokka appartamenti fi proprjetà tal-konvenut bl-indirizz ta' 20, Mary Flats, Triq il-Katidral, San Pawl il-Baħar [minn issa 'il quddiem 'il-fond'] u l-kostruzzjoni ta' żewġ sulari ġodda, wieħed minnhom penthouse, sovrastanti l-arja tal-blokka, di proprjetà tal-konvenut. Spjega li x-xogħlijiet li saru minnu kienu diversi, fosthom xogħol fuq opramorta u l-użu ta' *crane* u makkinarju avvanzat, u għalkemm kien hemm ftehim minn qabel bejn il-partijiet rigwardanti xogħlijiet u l-ispejjeż li kienu ser jiġu inkorsi, il-konvenut qabeż żewġ pagamenti skont *invoice* li ġġib in-numru I192020 għall-ammont ta' elf, sitt mija u sitta u sebgħin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€1,676.94) tal-14 ta'

Settembru, 2020, u skont *invoice* li ġġib in-numru I292020 għall-ammont ta' erbat elef, mitejn u ħamsa u disgħin Euro u għoxrin ċenteżmu (€4,295.20) tal-14 ta' Settembru, 2020. L-attur qal li x-xogħol ġie konkluż minnu kompletament u skont is-sengħa u l-arti. Żied jgħid li huwa ppreżenta ittra uffiċjali taħt l-artikolu 166A tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, liema ittra ġudizzjarja ġiet ikkontestata mill-konvenut. In vista ta' dan, l-attur talab lill-Ewwel Qorti tiddikjara li huwa għandu jieħu l-ammont ta' ħamest elef, disa' mija u tnejn u sebgħin Euro u erbatax-il ċenteżmu (€5,972.14) rappreżentanti xogħlijiet li saru, u l-*crane* u makkinarju avvanzat li ntużaw, u li huwa ma tħallasx tiegħu; tiddikjara li l-konvenut huwa responsabbli għal dawn il-pagamenti; tordna li jsiru l-ħlasijiet kif mitluba mill-konvenut bl-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-ittra ġudizzjarja; u tikkundanna lill-konvenut iħallsu l-ammont kif likwidat.

3. Il-konvenut wieġeb li t-talbiet tal-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt u li huwa m'għandu jagħtih l-ebda ammont. Qal li skont il-ftehim, il-*crane* u makkinarju avvanzat li ntuża mill-kuntrattur kien a karigu, u a spejjeż esklussivi tal-kuntrattur u mhux tiegħu, u dan kif jirriżulta mill-ftehim ta' appalt ta' Mejju 2018. Qal li l-kuntrattur huwa obbligat jissupplixxi l-materjal, u jesegwixxi l-appalt skont is-sengħa u l-arti, u dan entro it-terminu bejn Marzu 2019 u Awwissu 2019. Qal ukoll li dan ma sarx skont kif pattwit, u konsegwenza ta' dan huwa sofra danni kbar. Il-konvenut qal li l-kuntratti għandhom forza ta' liġi skont l-artikolu 992(1) tal-Kap. 16, u għalhekk il-kuntratt pattwit jorbot lill-partijiet skont il-kundizzjonijiet u l-obbligi tal-ftehim. Il-konvenut qal li skont l-artikolu 993 tal-Kap. 16, il-kuntratti jridu jiġu esegwiti *in buona fede,* kemm għal dak li

jirrigwarda l-ftehim tal-appalt, kif ukoll għal dak kollu li huwa konsegwenzjali u inċidentali għall-ftehim. Il-konvenut qal li meta l-ftehim huwa ċar, ma hemm ebda lok għall-interpretazzjoni mod ieħor. Qal li dak mitlub mill-attur *de quo* huwa kapriċċjuż u mhux dovut skont il-liġi, u dan *ai termini* tal-artikolu 1002 tal-Kap. 16. Il-konvenut għamel riferiment wkoll għall-artikolu 1057 tal-Kap. 16, u qal li l-obbligi jridu jiġu rispettati u mwettqa skont il-ftehim, u skont dak li ftiehmu l-partijiet.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

4. Permezz tas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Marzu, 2024, l-Ewwel Qorti iddeċidiet li għandha tilqa' t-talbiet tal-attur limitatament għas-somma ta' elf, sitt mija u sitta u sebgħin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€1,676.94) rappreżentanti l-bilanċ dovut fuq żewġ fatturi, kif ukoll talbet lill-Kummissarju tal-Pulizija jinvestiga lill-attur in konnessjoni mar-reati ta' falsifikazzjoni u ta' sperġur taħt il-Kodiċi Kriminali, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> *"Ikkunsidrat;*
>
> *Illi din hija azzjoni għall-ħlas ta' somma bilanċjali pretiża fuq appalt mogħti lill-attur, Daniel Esposito. Mill-fatti li joħorġu mill-atti u mill-provi jirriżulta illi l-appalt kien jikkonsisti f'xogħol ta' twaqqigħ u bini mill-ġdid ta' saqaf fir-raba' sular ta' blokka appartamenti ġewwa 20, Mary Flats, Triq il-Katidral, San Pawl il-Baħar, u l-kostruzzjoni ta' żewġ sulari ġodda, wieħed minnhom penthouse, sovrastanti l-arja tal-blokka, di proprjetà tal-konvenut kommittent, Paul Borg.*
>
> *L-attur, il-kuntrattur, jikkontendi illi filwaqt li l-konvenut ħallsu l-ammont totali ta' €115,154 għall-appalt, baqa' ma ħallasx pagamenti dovuti fuq żewġ fatturi, waħda bin-numru I192020 u l-oħra bin-numru I292020 (fn. 1: datat 14 ta' Settembru, 2020, ara dokument f'paġna 6 tal-atti tal-kawża) fis-somma komplessiva ta' €5,972.14,*

*rappreżentanti xi xogħlijiet li saru fuq il-livell tal-bejt, fosthom kontrabejt u opramorta fis-somma ta' €1,676.94 (fn. 2: ara fattura f'paġna 7 tal-atti tal-kawża kif ukoll ċertifikat maħruġ mill-Perit Godwin Aquilina fit-8 ta' Ottubru, 2021 – Dok. DE1 – liema ċertifikat jirreferi wkoll għax-xogħol fil-livell tal-bejt fis-somma ta' €8,072.09, mertu tal-fattura I192020), u spejjeż extra ta' crane li kien ġie mikri biex jitwettaq ix-xogħol tal-kostruzzjoni matul ix-xhur ta' Ġunju sa Settembru 2020, fis-somma globali ta' €4,295.20 (Dok. DE2).*

*Jirriżulta illi l-partijiet kienu ffirmaw ftehim ('Agreement Sheet No. C152018') f'Mejju 2018 fejn ftiehmu li l-appalt kellu jibda jitwettaq f'Marzu 2019 u kellu jitlesta sa Awwissu 2019. Mhux kontestat u l-partijiet jaqblu illi x-xogħlijiet ma bdewx f'Marzu 2019 kif miftiehem iżda ferm wara. Ma jirriżultax li għal dan id-dewmien qed jiġi allegat li jaħti l-attur. (fn. 3: ara Construction Notification Form datat 8.7.2019 (Dok. DE5) u Dok. DE6 awtorizzazzjoni għall-eżekuzzjoni tax-xogħlijiet fis-sit). Mhux kontestat lanqas illi minflok f'ħames xhur kif mitiehem, ix-xogħlijiet damu għaddejjin b'kollox sena u nofs.*

*Il-konvenut kien qabbad lill-Perit Godwin Aquilina biex jissorvelja x-xogħlijiet ta' żvilupp. Fix-xhieda tiegħu, il-Perit Aquilina kkonferma illi huwa kien approva l-fattura bin-numru I192020 datata 14 ta' Settembru, 2020 bil-prezzijiet tax-xogħol li ġie eżegwit fil-livell tal-bejt, foshtom xogħol ta' kuntrabejt, f'total ta' €8,072.95 (fn. 4: prezzijiet jeskludu l-VAT), u kkonferma wkoll li kien iċċertifika x-xogħlijiet eżegwiti fil-livell tal-*penthouse *fis-somma ta' €21,632.25. (fn. 5: Dok. DE1)*

***Ħlas Pretiż fuq Fattura I292020***

*L-attur qed jitlob il-ħlas fis-somma ta' €4,295.20 rappreżentanti, testwalment* "Extra crane services" *(fn. 6: fattura f'paġna 6 tal-atti tal-kawża. "*Description of works: Extra crane services") *skont kif jirriżulta mill-fattura datata 14 ta' Settembru, 2020. Fir-rigward, l-attur jistrieħ fuq notamenti li saru fuq l-iskrittura tal-appalt, fosthom dwar spejjeż ta' crane li jkun akbar minn ħames tunnellati (ara Dok. DE3 (fn. 7: paġna 35-37 tal-atti tal-kawża), liema notamenti l-attur isostni li ġew miżjuda fuq il-ftehim diversi xhur wara li kien iffirmat il-ftehim, bil-kunsens tal-konvenut u fil-preżenza tal-Perit Godwin Aquilina.*

*Fix-xhieda tiegħu l-attur fisser illi wara li kien diġà ġie ffirmat il-ftehim oriġinali fl-2018 iżda qabel inbeda x-xogħol, għall-ħabta ta' Jannar jew Frar 2019 kien iltaqa' mal-konvenut fl-uffiċċju tal-Perit Aquilina fejn hemmhekk huwa kien niżżel notamenti fuq il-ftehim fil-preżenza tal-konvenut u l-Perit dwar iż-żieda fl-ispejjeż ta'* skip, dumping *u* 6-wheeler truck*, kif ukoll iż-żieda ta'* concrete pump *u* crane *li jkun ikbar minn*

*ħames tunnellati. (fn. 8: notamenti miżjuda mill-attur oltre għall-bdil fil-prezz ta'* skip with rubble *(minn €108 għal €240). Sostna illi dawn iż-żidiet kulħadd kien jaqbel magħhom u ġew ukoll ikkonfermati mill-Perit Aquilina, għalkemm jirrikonoxxi li ma kinux reġgħu ffirmaw il-ftehim bin-notamenti miżjuda.*

*Il-konvenut jiċħad kategorikament illi huwa qatt aċċetta li jħallas spejjeż ta' crane b'żieda ma' dawk l-ispejjeż li kellhom ikunu dovuti skont ir-rata li ġiet maqbula fil-ftehim tal-appalt iffirmat f'Mejju 2018, u jinsisti li ma sar ebda ftehim ieħor mal-attur in segwitu għall-iffirmar tal-ftehim tal-appalt oriġinali. Jikkontendi illi d-dokument esebit mill-attur (Dok. DE3) kontenenti n-notamenti miżjuda fuq il-ftehim tal-appalt, fih żidiet bil-kaligrafija li ma kinux saru fil-preżenza tiegħu u qatt ma kien aċċetta li jiżdiedu dawn il-klawsoli mal-korp tal-ftehim. Jinsisti wkoll li qatt ma ffirma dak id-dokument u l-uniku ftehim li ġie ffirmat minnu u mill-attur fil-preżenza tal-Perit imqabbad minnu, huwa Dok. X1, li l-oriġinal tiegħu ġie esebit mill-Perit Godwin Aquilina (Dok. GJA1) fejn imkien ma ġie indikat li kellu jinkera crane ieħor b'żieda mal-kiri tal-crane maħsub fil-ftehim oriġinali. (fn. 9: €42 fis-siegħa, inkluż VAT).*

*Dan ġie affermat mill-Perit Godwin Aquilina nnifsu li xehed illi Dok. X1 huwa l-ftehim oriġinali ffirmat mill-partijiet fil-preżenta tiegħu, u kkonferma wkoll li kien hu li żied iż-żewġ sentenzi fil-parti t'isfel nett tal-aħħar paġna tal-ftehim bil-kunsens taż-żewġ partijiet. Xehed ukoll li huwa qatt ma emenda dan il-ftehim sussegwentement u saħaq illi n-notamenti bil-kulur isfar u aħdar fuq il-kopja tal-ftehim Dok. DE3 mhumiex tiegħu u ma ġewx miżjuda minnu jew fil-preżenza tiegħu dakinhar tal-ftehim u ħadd mill-partijiet qatt kien qallu in segwitu li xtaqu jemendaw il-ftehim u hu qatt ma għamel ebda emendi fil-ftehim oriġinali. Xehed: "...* in-notamenti bil-biro li hemm miżjuda fuq il-kopja ppreżentata minn Esposito u li s'intendi mhumiex il-kitba tiegħi, ma sarux quddiemi, ma sarux bil-kunsens tiegħi u wisq inqas ma saru bl-awtorizzazzjoni tal-klijent tiegħi Paul Borg."

*Il-Qorti tgħid illi bla tlaqliq temmen il-verżjoni tal-konvenut u tal-Perit Godwin Aquilina, u dan għal diversi raġunijiet. Ibda biex il-konvenut u l-Perit Godwin Aquilina kienu u baqgħu dejjem konsistenti fil-verżjoni tagħhom illi l-uniku ftehim iffirmat mill-partijiet kien il-ftehim oriġinali u insistew fix-xhieda rispettiva tagħhom illi qatt ma ltaqgħu f'okkażjoni sussegwenti mal-attur Daniel Esposito biex jiġu miżjuda jew varjati t-termini tal-ftehim oriġinali, u lanqas qatt raw il-kopja tal-ftehim prodott mill-attur biż-żidiet in kontestazzjoni. (Dok. DE3)*

*Magħdud dan il-fatt illi l-Perit Godwin Aquilina esebixxa bil-ġurament tiegħu l-oriġinal tal-ftehim tal-appalt (Dok. GJA1) li kien fil-pussess tiegħu – liema dokument l-attur qatt ma kkontesta li mhuwiex l-orġinal – u l-konvenut Paul Borg da parti tiegħu*

*pproduċa kopja identika tal-istess ftehim tal-appalt (Dok. X1), liema kopja l-Perit Aquilina afferma fix-xhieda tiegħu illi hija kopja tal-oriġinal.*

*Għall-Qorti, huwa wkoll suspettuż il-fatt illi dawn in-notamenti, evidentement, ma ġewx miktubin fuq l-oriġinal tal-ftehim tal-appalt li kien fil-pussess tal-Perit Godwin Aquilina, u jidher ukoll li la l-konvenut u lanqas il-Perit Aquilina nnifsu ma ngħataw jew kellhom fil-pussess tagħhom kopja tad-dokument Dok. DE3. (fn. 10: Fir-rigward, il-Qorti kienet staqsiet lill-attur: "*Jiġifieri int u s-Sur Borg it-tnejn li intom għandkom kopja iffirmata ta' dan il-ftehim?" *L-attur wieġeb:* "Le jiena just niżżilniha, jien din in-nota niżżiltha ħdejn il-firem quddiemu u quddiem Godwin Aquilina". *Xhieda tas-7 ta' Novembru, 2022).*

*Iżda fuq kollox il-fatt illi l-kopja tal-ftehim tal-appalt li ġie esebit mill-attur (Dok. DE3) ma jidhirx li hija kopja fidili tal-ftehim li l-oriġinal tiegħu ġie esebit mill-Perit Aquilina. Dan mhux biss għaliex kif rajna, fiha diversi notamenti ġodda miktuba mill-attur u mhux mill-Perit Aquilina, iżda wkoll għaliex* ***il-kaligrafija tal-kliem "March 2019 till August 2019" f'Dok. DE3 hija manifestement differenti mill-kaligrafija tal-Perit Godwin Aquilina,*** *(fn. 11: il-Perit Aquilina xehed illi huwa kiteb il-kliem "March 2019 till August 2019) fuq il-ftehim oriġinali)* ***bħalma hija wkoll differenti l-firma tal-attur innifsu kif ukoll il-pożizzjoni fejn ġie miktub in-numru tal-karta tal-identità taż-żewġ partijiet rispettivament, fuq l-aħħar paġna tal-ftehim.*** *Fil-fehma tal-Qorti, id-dokument esebit mil-attur hija kopja mbagħbsa u falsifikata li ġiet esebita mill-attur bil-ġurament tiegħu bħala kopja fidili tal-ftehim oriġinali (Dok. GJA1) liema kopja huwa xehed li fiha biss notamenti addizzjonali miżjuda minnu fil-preżenza tal-konvenut u l-Perit Godwin Aquilina u xejn iktar. Dan evidentement mhux minnu.*

*Dan qed jingħad ukoll wara li l-Qorti qieset il-fatt illi l-attur innifsu, fix-xhieda tiegħu, ikkonferma illi huwa jaqbel li l-ftehim tal-appalt oriġinali* ***ma reġax ġie ffirmat*** *meta l-partijiet kienu, allegatament, reġgħu ltaqgħu mal-Perit biex jiżdiedu n-notamenti dwar l-ispejjeż li kellhom ikunu a karigu tal-konvenut: "*Il-firem baqgħu kif kienu". (*fn. 12: ara paġna 125 tal-atti tal-kawża).* ***Għalhekk, diffiċilment jiġi spjegat kif fuq Dok. DE3 il-pożizzjoni tan-numri tal-karta tal-identità ta' kull wieħed mill-partijiet, kif ukoll il-kitba li hemm qbil li kienet tal-Perit Godwin Aquilina fuq il-ftehim oriġinali, huma differenti, jekk mhux għaliex id-dokument esebit mill-attur huwa tassew imbagħbas.*** *Tabilħaqq il-Qorti fehmet il-pożizzjoni tan-numru tal-karta tal-identità tal-attur innifsu kellha tiġi mċaqalqa biex takkomoda l-kitba tan-notamenti addizzjonali miżjuda mill-attur fuq il-kopja tal-ftehim oriġinali, għaliex inkella dawn ma kinux joqogħdu fil-wisa' tad-dokument.*

*Għaldaqstant, filwaqt li l-Qorti sejra tieħu l-provvedimenti iktar 'il quddiem fir-rigward tal-falsifikazzjoni u sperġur fil-konfront tal-attur Daniel Esposito, ma għandhiex riservi biex temmen lill-konvenut u lill-Perit Godwin Aquilina illi ma kien intlaħaq ebda ftehim sussegwenti jew addizzjonali għall-ftehim iffirmat fit-18 ta' Mejju, 2018, u tqis illi ż-żidiet bil-kitba fuq id-dokument Dok. DE3 magħmula mill-attur, ma kinux żidiet li kienu saru bl-approvazzjoni tal-konvenut u jew tal-perit tal-proġett.* ***Konsegwentement, il-konvenut mhuwiex obbligat għall-ħlas ta' ebda spejjeż ta' crane ikbar b'żieda mal-ispejjeż dovuti għall-kiri ta' crane normali skont ir-rata ta' €42 fis-siegħa skont kif maqbul fuq il-ftehim tal-appalt Dok. GJA1.*** *(fn. 13: il-Qorti tosserva ukoll kif l-attur xehed (kontro-eżami, 12 ta' Jannar, 2023) illi huwa kien talab li jiżdiedu xi spejjeż għaliex il-ftehim oriġinali kien ġie ffirmat madwar sena qabel u fil-frattemp ċertu spejjeż kienu għolew. Madanakollu, ma jistax ma jingħadx li kien diġà ġie miftiehem espressament fuq il-ftehim tal-appalt li x-xogħlijiet kellhom jibdew f'Marzu 2019 u dan ikompli jxejjen il-kredibbilità tax-xhieda tal-attur).*

*L-attur xehed ukoll illi l-konvenut kien ħallas għall-pompa tal-konkrit* ('concrete pump')*, liema spiża kienet tniżżlet minnu bl-idejn fl-istess sentenza fejn tniżżlet l-ispiża tal-*'extra crane' *u argomenta illi dan għandu jfisser li kien aċċetta l-obbligu għall-ħlas ta' crane żejjed. Madankollu, il-konvenut, fix-xhieda tiegħu, kien spjega illi huwa kien iħallas għall-ispejjeż tal-crane huwa stess taħt protesta, għaliex kien taħt pressjoni minħabba skular ta' ilma għand terzi persuni u ried isolvi l-problema malajr kemm jista' jkun. F'kull każ, il-fatt li l-konvenut seta' aċċetta li jħallas għall-ispejjeż tal-pompa tal-konkrit ma jfissirx li hekk kien obbligat skont il-ftehim tal-appalt u indubbjament, dan ma jibdel xejn mill-pożizzjoni legali stabbilit mir-relazzjoni kuntrattwali regolata mill-ftehim tal-appalt uniku li ġie konkluż bejn il-partijiet.*

*L-attur innifsu xehed illi s-somma li baqgħet ma tħallsitx tirrappreżenta crane akbar minn dak li ġie maħsub u maqbul fil-ftehim tal-appalt.*

*Għalkemm huwa minnu li l-Perit Godwin Aquilina xehed illi biex sar il-kontrabejt kien hemm bżonn l-użu ta' crane fuq is-sit, mhuwiex ippruvat konklussivament jekk l-ispejjeż li għalihom kien qed issir referenza humiex l-ispejjeż ta' crane extra (fn. 14:* 'extra crane services' *kif indikat fl-invoice I292020) jew il-crane normali li kien ġie miftiehem bir-rata ta' €42 fis-siegħa fuq il-ftehim Dok. GJA1. Fil-fatt, huwa xehed illi qatt ma kien approva l-invoice bin-numru I292020 datat 14 ta' Settembru, 2020 għal xogħol ta'* 'extra crane service' *u qatt ma dan id-dokument qabel intwera lilu matul id-depożizzjoni tiegħu. (fn. 15: xhieda tat-2 ta' Ġunju, 2022)*

*Hawnhekk irid jiġi osservat illi l-attur ikkontradixxa ruħhu radikalment meta in kontro-eżami, xehed (fn. 16: xhieda tat-12 ta' Jannar, 2023, paġna 126 tal-atti tal-kawża) illi*

*l-crane ikbar kif indikat fin-notament miżjud fuq il-ftehim Dok. DE3, ma kienx fil-fatt intuża fl-eżekuzzjoni tal-appalt u ppreċiża illi l-ħlas li qed jitlob għall-kiri ta' crane huwa għall-kiri ta' crane normali skont ir-rati fis-siegħa kif maqbul fil-ftehim oriġinali. (fn. 17: ikkonferma wkoll l-ispejjeż tat-trakk mhumiex fost l-ispejjeż li qed jitlob il-ħlas tagħhom f'din il-kawża) Dan mhux korrett: il-fattura dwar l-ispejjeż tal-crane pretiżi mill-attur, l-istess spejjeż ġew deskritti bħala* "extra crane services" *– deskrizzjoni li għall-Qorti tfisser li dawn l-ispejjeż imorru lil hinn u huma b'żieda ma' dawk espressament miftiehma bejn il-partijiet fil-ftehim oriġinali Dok. GJA1 għall-kiri ta' crane. Għaldaqstant, ma jistax ma jkollhiex mis-sewwa d-dikjarazzjoni tal-attur fix-xhieda tiegħu tat-12 ta' Jannar, 2023, illi l-ispejjeż fil-fattura I292020 ma jikkonċernawx l-ispejjeż ta'* 'extra crane'. *Wisq inqas meta l-attur innifsu kien xehed minn jeddu oriġinarjament (fn. 18: 7 ta' Marzu, 2022) illi l-ispejjeż reklamati fl-istess fattura I292020 jirrappreżentaw* "xogħlijiet ta' crane li kont qabbadt extra", "kellna nġibu crane ikbar milli għandi jien" *biex jitwettaq xogħol ta' kostruzzjoni matul ix-xhur ta' Ġunju sa Settembru 2020. (fn. 19: fis-somma globali ta' €4,295.20 (Dok. DE2)*

*Konsegwentement, tqis illi l-ftehim milħuq bejn il-partijiet fir-rigward tal-ispejjeż għall-kiri ta' crane kien unikament fir-rigward tal-kiri ta' crane normali bir-rata ta' €42 fis-siegħa u ma tistax tagħti affidabilità lill-verżjoni tal-attur meta jisħaq li l-partijiet kienu qablu dwar rata żejda għal crane ta' aktar minn ħames tunnellati, u fl-istess nifs isostni wkoll li l-prezz tal-crane fil-fattura I292020, pretiż f'din il-kawża, jirrappreżenta r-rata maqbula fil-ftehim għall-kiri ta' crane normali. Għall-Qorti, minn dan kollu, hu ovvju li l-attur qed jippretendi l-ħlas ta' rata ta'* "extra crane" *u mhux ir-rata kif maqbula oriġinarjament.*

*Magħdud dan il-fatt illi l-attur, rinfaċċjat bil-kontestazzjoni tal-konvenut, ma pproduċa ebda prova dwar il-ħlas li ġie asserit li sar lil terzi għall-kiri tal-crane; dan mhux biss sabiex jissostanzja iżda wkoll biex jikkjarifika liema kobor ta' crane ġie mikri minnu għall-użu fuq il-lant tax-xogħol u kwindi, jekk ir-rata pretiża kinitx konformi mar-rata maqbula fil-ftehim ta' Mejju 2018 jew kinitx rata ogħla għal crane ikbar kif xehed hu stess.*

*Għal dawn ir-raġunijiet kollha, it-talba tal-attur għall-ħlas tas-somma ta' €4,295.20 pretiża fuq il-fattura I292020, jistħoqq li tiġi miċħuda.*

***<u>Ħlas pretiż fuq Fattura I192020</u>***

*L-attur jitlob ukoll il-ħlas tas-somma komplessiva ta' €1,676.94, rappreżentanti l-prezz ta' żewġ* items *fuq il-fattura I192020, datat 14 ta' Settembru, 2020, li baqgħu ma ġewx imħallsa mill-konvenut:*

- *Block 9"* double works *bil-prezz ta' €1,652.56; u*
- *Block 7"* works *bil-prezz ta' €24.38*

*Il-konvenut jikkontendi illi dawn l-ispejjeż mhux dovuti għaliex kien hemm diversi xogħlijiet li ma sarux skont is-sengħa u l-arti. Fix-xhieda tiegħu spjega illi l-kontrabejt ma jaqlibx u fil-fatt, qiegħed iżomm l-ilma bil-konsegwenza li 'l quddiem ser iwassal biex ikun hemm l-umdità fis-saqaf sottostanti. Sostna wkoll illi l-attur kien għamel ħsara fil-ħitan u l-art taż-żewġ btieħi tal-blokka, proprjetà ta' terzi persuni, il-konjugi Micallef, minħabba titjir ta' konkos, u kien inkiser ukoll xi madum f'waħda minn dawn il-btieħi. B'żieda ma' dan, xehed illi kellu jixtri madum ġdid kif ukoll iħallas l-ispejjeż biex jitnaddaf iċ-ċarċir tal-konkos fil-btieħi u kien nefaq spejjeż ukoll biex tissewwa l-ħsara li ġiet ikkaġunata mill-attur f'xi katusi fix-shaft. Fir-rigward, il-konvenut ipproduċa kopji tal-irċevuti tal-ispejjeż li xehed li ħallas biex jissewwew dawn il-ħsarat kif ukoll ix-xogħol difettuż li sar mill-attur.*

*Il-konvenut xehed ukoll illi l-attur ma żammx mal-kejl indikat fuq il-pjanti meta bena l-apertura tal-bibien tal-galleriji ta' quddiem u ta' wara, għaliex dawn inbnew fil-għoli tant illi in segwitu kellu jbaxxi l-għoli permezz tal-istallazzjoni ta' travi tal-gypsum. Il-konvenut qiegħed jallega wkoll illi l-ħajt tal-bieb prinċipali ta' wieħed mill-appartamenti li nbnew, ma nbeniex dritt filwaqt li l-blajjet tal-bibien interni nbnew baxxi u mhux tal-istess għoli. Saħaq illi kellu jkisser parti mill-blata huwa stess biex iġib l-istess għoli.*

*Da parti tiegħu, l-attur ċaħad li l-konvenut qatt ġibidlu l-attenzjoni għall-bini li ma kienx skont il-qisien indikati fuq il-pjanti, u sostna li ma kienx hemm qisien fuq il-pjanti u kien bena dejjem skont kif kien jindikalu l-konvenut. Ċaħad ukoll li kien iċċarċar il-konkos fil-bitħa ta' terzi, jew li kien sar ħsara fuq xi tieqa ukoll minħabba ċarċir ta' konkos, u insista li l-konvenut qatt ma kellmu dwar xi allegat ħsarat jew xogħol ħażin fil-kontrabejt, u lanqas qatt talbu biex iniżżel xi blajjet li kienu saru wisq fil-għoli.*

*Ikkunsidrat;*

*Il-Qorti tibda biex tosserva illi l-pagament miżmum mill-konvenut jirreferi għal xogħlijiet li saru fil-livell tal-bejt; xogħlijiet li l-Perit Godwin Aquilina, li kien issorvelja l-eżekuzzjoni tal-appalt, xehed illi kien approva li jitħallsu skont il-fattura I192020.*

*Fir-rigward tal-bini ta' blajjet mhux skont il-qisien approvati, il-konvenut ressaq biex jixhed lil ċertu Lawrence D'Amato li xehed illi kien tqabbad biex jistalla xi travi tal-gypsum (*beams *foloz) fil-*penthouse *tal-konvenut għaliex, skont ma kien qallu l-konvenut, dawn kienu ġew fil-għoli, kif ukoll biex ibaxxilu travu biex ikun jista' jwaħħal*

*l-aperturi li kellu. Ikkonferma li għal dan ix-xogħol il-konvenut kien ħallsu l-prezz ta' €885. (fn. 20: ara riċevuta Dok. X6, paġna 77 tal-atti tal-kawża)*

*Madankollu, il-Qorti tqis illi għall-prova kif imiss tal-asserzjoni li l-attur ma beniex skont il-pjanti approvati u applika qisien ħżiena, kien jispetta lill-konvenut iressaq il-prova tal-qisien skont il-pjanti approvati, u l-qisien differenti li ġew allegatament applikati mill-attur fil-bini li qed jiġi allegat li sar ħażin, jew inkella l-prova ta' espert fil-qasam li jiċċertifika d-diskrepanza fil-qisien u l-effetti ta' din id-diskrepanza u l-mezzi li jeħtieġu li jiġu applikati biex jikkoreġuha; prova iżda, li ma nġabitx.*

*L-istess prova li l-kontra-bejt tassew inbena ħażin: il-Qorti tistenna illi l-allegazzjoni dwar xogħol difettuż kellha tiġi sostanzjata b'ċertifikazzjoni teknika tal-eżistenza tal-allegat difett u l-effett tiegħu, kif ukoll il-mezzi li jridu jiġu impjegati għall-korrezzjoni tad-difett, jekk mhux ukoll il-valur tal-ispejjeż relattivi. Huwa minnu li l-konvenut esebixxa ritratti tal-allegat ħsara, iżda in mankanza ta' opinjoni teknika esperta bi spjega tad-difetti allegatament riskontrati fix-xogħol appaltat u l-effetti ta' dawn id-difetti, ir-ritratti esebiti mill-konvenut mhumiex biżżejjed biex jissostanzjaw kif imiss l-allegazzjoni li x-xogħol imwettaq mill-attur kien difettuż jew imwettaq ħażin. Dan jgħodd ukoll għall-prova dwar ħsarat ikkaġunati b'riżultat taċ-ċarċir u titjir tal-konkos, fejn il-konvenut kellu l-oneru jressaq prova tal-ħsara u l-fatt li din ġiet ikkawżata mill-attur.*

*Dan qed jingħad għaliex il-prova li x-xogħol eżegwit ma jilħaqx livell aċċettabbli fl-industrija tal-kostruzzjoni tinkombi lill-konvenut li oppona għat-talba għall-ħlas b'din l-eċċezzjoni. Iżda l-Qorti għandha quddiemha biss ix-xhieda tal-konvenut Paul Borg li ma jirriżultax li għandu xi kwalifiċi tekniċi fl-industrija u għalhekk, din ix-xhieda mhijiex biżżejjed għall-prova kif imiss tat-twettiq ta' xogħol difettuż jew mhux komplut. Kif ingħad, il-konvenut naqas ukoll milli jinkariga espert in materja u naqas ukoll milli jitlob perizja teknika ġudizzjarja, biex jiġi kostatat b'mod struwit dak ix-xogħol li huwa difettuż jew mhux imwettaq skont il-pjanti approvati u l-ispejjeż li jinħtieġu jintefqu biex ix-xogħlijiet jitlestew, jiġu rimedjati jew isiru mill-ġdid.*

*Fuq kollox il-fatt illi għalkemm il-konvenut jilmenta dwar ix-xogħol tal-kontrabejt, jirriżulta illi huwa kien ħallas għal dan ix-xogħol.*

*Il-Qorti tosserva illi lanqas il-Perit Godwin Aquilina, li kien il-perit imqabbad mill-konvenut biex jissorvelja x-xogħlijiet ta' żvilupp, ma xehed fir-rigward tal-allegati difetti fil-kostruzzjoni, inkluż l-allegat xogħol ħażin tal-kontrabejt, u mill-kumpless tax-xhieda l-Qorti fehmet illi effettivament il-konvenut qatt ma ġibidlu l-attenzjoni għal dawn l-allegati difetti.*

*Dan kollu magħdud ifisser, fiċ-ċirkostanzi, li l-konvenut naqas milli jissodisfa l-oneru tal-prova illi fuq bażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet mill-preponderanza tal-provi, l-attur m'għandux jedd għall-ħlas tal-bilanċ għaliex wettaq xogħol difettuż u naqas milli jirrimedjah.*

*Għaldaqstant, is-somma ta' €1,676.94 hija dovuta lill-attur."*

## <u>L-Appell</u>

5. Fir-rikors tal-appell imressaq fit-12 ta' April, 2024, l-attur talab lil din il-Qorti jogħġobha tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat il-ħlas tal-fattura bin-numru I192020 għall-amont ta' elf, sitt mija u sitta u sebgħin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€1,676.94), tirrevoka l-kumplament tas-sentenza tal-25 ta' Marzu, 2024, u tikkundanna lill-appellat iħallas l-ammont ta' erbat elef, mitejn u ħamsa u disgħin Euro għoxrin ċenteżmu (€4,295.20) derivanti mill-fattura I292020, kif ukoll tirrevoka l-ordni għall-investigazzjoni kriminali fil-konfront tal-appellant.

6. L-appellant qal li huwa ħassu aggravat bis-sentenza tal-Ewwel Qorti, u filwaqt li jagħraf li l-ewwel talba li tikkonċerna l-irċevuta numru I192020 rappreżentanti l-ammont ta' elf, sitt mija u sitta u sebgħin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€1,676.94), għaraf ukoll li l-Ewwel Qorti applikat ċerti prinċipji sabiex akkoljiet parti mit-talba tiegħu. Qal li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tilqa' t-talbiet tiegħu parzjalment, u għalhekk ma setax ikun il-każ li l-Qorti tilqa' biss parti mit-talba, filwaqt li tirrifjuta l-parti l-oħra minħabba tbagħbis fil-kuntratt bejn il-partijiet, meta l-istess informazzzjoni li ntużat fl-ewwel fattura intużat ukoll fit-tieni, u dan b'mod ugwali. L-appellant saħaq li din il-Qorti tal-Appell għandha raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li l-provi kif

ippreżentati jsostnu biżżejjed il-fatt li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u dan abbażi tal-fatt li dak li tniżżel fl-ewwel fattura huwa l-istess dettall kif imniżżel fit-tieni fattura.

7. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti irrifjutat it-talba tiegħu li tiġi mħallsa l-invoice numru I292020, abbażi tal-fatt li l-firma tiegħu ma kinitx fl-istess pożizzjoni u li ma kinitx l-istess, filwaqt li l-firma tal-appellant flimkien man-numru tal-karta tal-identità, hekk kif jintwera fid-dokument 'EOIC', tibqa' l-istess u fl-istess naħa tul id-dokument kollu, u f'kull dokument ieħor li hemm esebit fil-proċess. L-appellant qal li l-Ewwel Qorti setgħet ħatret espert tal-kaligrafija sabiex jikkonferma dan, billi jistudja l-karatteristiċi ġenerali u partikolari ta' din il-firma, jiġifieri l-kontinwità, il-veloċità, il-modulazzjoni, l-andament ritmiku, il-kalibru u d-direzzjoni tal-pożizzjoni ta' tali firma, l-inklinazzjoni flimkien mal-armonija globali u l-karatteristiċi dettaljati bħall-formazzjoni tal-ovali, l-asti, prolungi, ġunti, tratti inizzjali u finali, u dan kif jista' jirriżulta b'mod ċar illi kull firma li għamel hu, kienet dejjem regolari. Qal li dak imniżżel fil-proċess għandu japplika wkoll għal kull firma oħra li ngħatat fil-proċess. Qal li in linea ma' tali prinċipju, għalkemm il-Qorti mhijiex marbuta taħtar perit tekniku u timxi mal-konklużjonijiet tiegħu, il-konklużjoni tal-Ewwel Qorti kellha tkun ben infurmata u bbażata fuq raġunijiet li jpoġġu lill-Qorti ogħla minn kull dubju illi tali firma kellha tkun taħt eżami, u mhux tiġbed inferenza li din kienet iffalsifikata mingħajr ma hemm kontestazzjoni dwar dan.

8. Fit-tielet aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li kemm-il darba l-appellat kellu dubju dwar jekk il-firma tiegħu ġietx iffalsifikata, kellu jkun hu li jitlob lill-Ewwel Qorti tingaġġa espert tal-kaligrafija sabiex jikkonferma din l-allegazzjoni

ta' falsifikazzjoni, imma din fl-ebda stadju ma ntalbet mill-appellat bħala konferma tal-fatt li kien l-appellat li beda jitkellem b'mod inveritier dwar id-dettalji miżjuda. L-appellant żied jgħid li fil-kamp ċivili, il-kriterju mhux dak jekk il-ġudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet mogħtija lilu, iżda jekk l-istess provi humiex verosimili, u dan fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, li huwa sostrat bażiku ta' azzjoni ċivili. L-appellant qal li huwa kien konsistenti fix-xhieda tiegħu, u l-unika kontradizzjoni li rriżultat fiċ-ċirkostanzi, hija marbuta mal-fatt li d-dettalji bil-pinna ġew miżjuda fil-preżenza tiegħu. L-appellant żied jgħid li l-oneru tal-prova fil-prim istanza kien dak ta' bilanċ ta' probabbiltajiet, u dan l-oneru m'għandux ikun suffiċjenti biex iwassal għal suspetti fuq l-appellant, u sabiex dan jiġi investigat kriminalment.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. L-appellat qal li l-appell mhux biss huwa ferm infondat fil-fatt u fid-dritt, iżda huwa bbażat fuq ilmenti fallaċi għall-aħħar, u għalhekk għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż doppji għall-appellant. Spjega li permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-appellant jilmenta li ma seta' qatt kien il-każ li l-Qorti tilqa' parti mit-talba, filwaqt li tirrifjuta l-parti l-oħra tat-talba minħabba tbagħbis fil-kuntratt bejn il-partijiet, meta l-istess informazzjoni li ntużat fl-ewwel fattura intużat ukoll fir-rigward tat-tieni b'mod ugwali. Qal li dan l-aggravju huwa infondat fil-fatt u fid-dritt, u għalhekk għandu jiġi miċħud fl-intier tiegħu. L-appellant qal li l-ftehim tal-appalt li jirregola r-relazzjoni bejn il-kontendenti, huwa dak li ġie anness mar-risposta tiegħu, u rifless f'Dok. GJA1 anness mal-*affidavit* tal-Perit Godwin Aquilina. Kompla jgħid li l-ftehim esebit mill-appellant waqt ix-xhieda tiegħu tas-

7 ta' Marzu, 2022, mhuwiex il-ftehim oriġinali, hekk kif dan jinkludi notamenti li ġew miżjuda mill-appellant minn jeddu, u ċertament li ma sarux fil-preżenza tal-appellat jew tal-perit inkarigat mill-proġett.

10. L-appellant qal li l-fattura numru I192020 fl-ammont ta' €1,676.94, u l-fattura numru I292020 fl-ammont ta' €4,295.20, ma jirriżultawx mill-istess informazzjoni kif jallega l-appellant fl-appell tiegħu. B'riferiment għall-fattura I292020, l-appellat qal li din tirrigwarda allegat xogħol ta' *extra crane services,* u dan kif spjega l-appellant stess fix-xhieda tiegħu tas-7 ta' Marzu, 2022. Qal li l-appellant jallega li dawn kellhom ikunu a karigu tal-appellant, u dan in vista tan-notamenti miżjuda minnu stess. Qal li l-ftehim Dok. DE3 mhuwiex il-ftehim oriġinali, u dawn in-notamenti ma tniżżlux bil-kunsens u/jew fil-preżenza tal-appellat, u lanqas tal-Perit Aquilina. Qal ukoll li għalkemm l-appellant f'waqt minnhom jallega li kellu jġib *crane* akbar minn dak li kellu, u li dawn l-*extra crane services* jammontaw għal €4,295.20, huwa kkontradixxa lilu nnifsu diversi drabi f'dan ir-rigward. L-appellat qal li l-appellant, fix-xhieda tiegħu tat-12 ta' Jannar, 2023, xehed li minkejja li huwa żied fuq il-ftehim in-notament bil-kitba dwar il-'*crane over 21 metres*', dan ma kienx seħħ għaliex intuża *crane* normali. L-appellat qal li l-Perit Aquilina xehed li din il-fattura huwa qatt ma kien raha qabel, u qatt ma kienet ġiet approvata minnu. B'riferiment għall-fattura I192020, l-appellat qal li din tirrigwarda xogħol li kien ġie pattwit fil-ftehim oriġinali, u l-appellat ma kkontestax jekk dawn ix-xogħlijiet ġewx eżegwiti, iżda kkontesta li dawn ma kienux saru skont is-sengħa u l-arti. Qal ukoll li dan il-kont ġie approvat mill-Perit Aquilina. L-appellat qal li għalhekk huwa ċar li ż-żewġ fatturi jirriżultaw minn fatti differenti, u għalhekk huwa għal kollox inveritier li

l-istess informazzjoni li ntużat fl-ewwel fattura, intużat ukoll fit-tieni b'mod ugwali, u biżżejjed jingħad li filwaqt li l-fattura I292020 tirriżulta minn ftehim iffalsifikat, il-fattura I192020 tirriżulta mill-ftehim oriġinali, fost differenzi ulterjuri oħra. L-appellat qal li, anki kieku għall-grazzja tal-argument, iż-żewġ fatturi kienu jirriżultaw mill-istess ftehim, l-Ewwel Qorti kellha u għandha kull setgħa u diskrezzjoni li tilqa' t-talba parzjalment, u m'għandha l-ebda obbligu li jew tilqa' t-talba fl-intier tagħha jew tiċħadha kompletament, kif qiegħed jippretendi l-appellant. Kompla jgħid li għalhekk kienet korretta l-Ewwel Qorti meta wara li għarblet il-provi, iddeċidiet li l-fattura I292020 tistħoqq li tiġi miċħuda.

11. B'riferiment għat-tieni aggravju, l-appellat qal li dan ukoll huwa wieħed fieragħ, vessatorju, u infondat għall-aħħar. Qal li l-Ewwel Qorti kienet ċara fis-sentenza tagħha rigward il-konsiderazzjonijiet legali li wassluha għall-konklużjoni li t-talba tal-appellant għall-ħlas tas-somma ta' €4,295.20 pretiża fuq il-fattura I292020, kellha tiġi miċħuda. Qal li skont l-imsemmija konsiderazzjonijiet, in-notamenti mniżżlin fuq il-ftehim Dok. DE3, u li mhumiex imniżżlin fuq Dok. XI, ma sarux fil-preżenza jew bil-kunsens taż-żewġ partijiet, u lanqas ma saru quddiem il-Perit Aquilina. Kompla jgħid li l-ftehim oriġinali ta' appalt huwa Dok. XI, rifless fid-Dok. GJA1, u dan kif affermat diversi drabi kemm mill-appellat kif ukoll mill-Perit Godwin Aquilina. Qal li dawn baqgħu konsistenti fil-verżjoni tagħhom, filwaqt li Daniel Esposito kkontradixxa lilu nnifsu diversi drabi. L-appellat qal ukoll li Daniel Esposito qatt ma kkontesta li Dok. GJA1 mhuwiex l-oriġinali, filwaqt li Paul Borg ipproduċa kopja fidila u identika tal-istess dokument. Qal ukoll li l-kaligrafija tal-kliem 'March 2019 till August 2019'

miktuba mill-Perit Aquilina, ma taqbilx mal-kaligrafija tal-istess kliem f'Dok. DE3, liema fatt ikompli jafferma li Dok. DE3 huwa kopja imbagħbsa, u mhux kopja fidila tal-ftehim oriġinali. Qal li ladarba DE3 mhux il-ftehim oriġinali, huwa qatt ma ntrabat li jħallas għal *extra crane services* li jidhru biss fuq Dok. E3. Qal ukoll li fattur ieħor li jkompli juri li Dok. DE3 mhuwiex kopja fidila ta' Dok. GJA1, huwa li l-firma tal-attur appellant hija differenti wkoll, u anki il-pożizzjoni fejn ġie miktub in-numru tal-karta tal-identità taż-żewġ partijiet hija differenti. Qal li dawn il-fatturi jkomplu jindikaw li Dok. DE3 mhijiex fotokopja/kopja identika tal-ftehim Dok. GJA1, iżda hija kopja falsifikata tal-ftehim. L-appellat qal li l-fattur li l-firma tal-appellant hija differenti minn kif tidher fuq Dok. DE3, meta kkomparata mal-ftehim oriġinali Dok. GJA1, huwa biss fattur wieħed minn diversi fatturi oħrajn li wasslu lill-Ewwel Qorti tqis it-talba abbażi tal-fattura I292020 mhijiex mistħoqqa. Qal li għalhekk mhux minnu li l-Ewwel Qorti rrifjutat it-talba tal-appellant li tiġi mħallsa l-irċevuta numru I292020 abbażi tal-fatt li l-firma tiegħu ma kinitx fl-istess pożizzjoni, u ma kinitx l-istess. Qal li dan kien biss wieħed mill-ħafna fatturi kkunsidrati mill-Ewwel Qorti, u mhux l-uniku fattur kif jallega l-appellant fir-risposta tiegħu. Qal li l-Ewwel Qorti kienet ċara fil-konsiderazzjonijiet legali tagħha, u anke mad-daqqa t'għajn huwa faċli li wieħed jinduna li kien hemm bosta fatti u provi li jindikaw li d-dokument Dok. DE3 huwa wieħed imbagħbas, u mhux sempliċiment id-differenza fil-firma tal-appellant. L-appellat kompla jgħid li l-argument li l-ftehim Dok. DE3 huwa mbagħbas, ġie mill-ewwel eċċepit minnu u tqajjem diversi drabi waqt il-prosegwiment tal-kawża, u għalhekk kien xogħol l-appellant li jipprova l-kuntrarju, u dan ċertament ma kienx xogħol il-Qorti. Kompla jgħid li kieku l-appellant ried jikkonvinċi lill-Ewwel Qorti li Dok. DE 3 huwa l-ftehim oriġinali, messu kien hu li

talab il-ħatra ta' espert kaligrafiku, u mhux vera li t-talba tiegħu għall-ħlas tal-fattura I292020 ġiet miċħuda u pprova jixħet dan in-nuqqas tiegħu fuq l-Ewwel Qorti.

12. B'riferiment għat-tielet aggravju, l-appellat qal li hawnhekk l-appellant jilmenta li jekk l-appellat kellu dubju dwar jekk il-firma tiegħu ġietx falsifikata, kellu jkun hu li jitlob lill-Ewwel Qorti tingaġġa espert kaligrafiku. Qal li permezz ta' dan l-aggravju, l-appellant għal darb'oħra jipprova jittenta jixħet in-nuqqasijiet tiegħu fuq ħaddieħor, u minn fuq jippretendi li s-sentenza appellata hija waħda inġusta. Qal ukoll li huwa eċċepixxa mill-ewwel li l-ftehim Dok. DE3 mhuwiex l-oriġinali, u in sostenn ta' dan huwa ppreżenta kopja identika tal-ftehim oriġinali mar-risposta tiegħu; *affidavit* li jikkonferma li Dok. X1 huwa l-ftehim oriġinali; *affidavit* tal-Perit Godwin Aquilina, fejn ikkonferma li l-uniku ftehim li kien hemm bejn il-partijiet kien id-dokument GJA1; u l-*affidavit* ulterjuri tal-Perit Aquilina fejn jisħaq li kitba bil-biro fuq id-dokument Dok. DE3 ippreżentat mill-appellant ma ġietx miżjuda quddiemu u/jew bl-approvazzjoni tiegħu. Qal li għalhekk huwa sostna li għalkemm l-appellant allega li Dok. DE3 huwa l-ftehim oriġinali, ma ressaq l-ebda prova f'dan ir-rigward, u lanqas ma kkontesta l-argument tiegħu. L-appellat qal li l-appellant allega li Dok. DE3 huwa l-oriġinali, u kellu jkun hu li jipprova dak allegat minnu. Qal li kien jinkombi fuq l-appellant li jipprova li d-dokument DE3 huwa l-oriġinali, għalkemm m'hemm l-ebda ombra ta' dubju li l-ftehim oriġinali huwa Dok. X1 in atti. Qal li mhux ġust li wara li l-appellant naqas milli jipprova l-allegazzjonijiet tiegħu, jipprova jixħet dan in-nuqqas fuq l-appellat jew fuq l-Ewwel Qorti.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

13. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat.

*L-Ewwel Aggravju:* *[L-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi u ma setgħetx tilqa' t-talbiet attriċi parzjalment]*

14. L-appellant jgħid li t-talbiet tiegħu ma setgħux jintlaqgħu mill-Ewwel Qorti b'mod parzjali. Jgħid li l-Qorti ma setgħetx tilqa' biss parti mit-talba, jiġifieri dik emanenti minn fattura partikolari, iżda imbagħad tirrifjuta l-parti l-oħra, abbażi tal-konklużjoni li l-fattura jew il-ftehim li fuqu nħarġet il-fattura, ġie mbagħbas jew ffalsifikat, għaliex l-informazzjoni fiż-żewġ fatturi hija identika.

15. Il-Qorti tirrileva li anki mit-talbiet tal-appellant infushom, jirriżulta li l-pretensjoni tiegħu għall-ħlas hija bbażata fuq żewġ fatturi differenti, waħda għall-ħlas tal-ammont ta' €1,676.94 fir-rigward ta' xogħol li sar mill-appellant fil-livell tal-bejt, fosthom fuq il-kontrabejt u fl-opramorta, u l-fattura l-oħra għall-ħlas tal-ammont ta' €4,295.20 fir-rigward ta' spejjeż *extra* ta' *crane* li inkera sabiex iwettaq xogħol ta' kostruzzjoni minn Ġunju sa Settembru 2020. L-Ewwel Qorti, wara li kkunsidrat il-provi kollha li kellha quddiemha, iddeċidiet li l-ammont ta' €4,295.20 pretiż mill-appellant ma kienx dovut, għaliex ma jirriżultax li l-appellat kien qabel jew aċċetta jew iffirma għall-ispejjeż addizzjonali tal-*crane* kif jippretendi l-appellant. Kien wara li qieset il-provi

kollha u ċ-ċirkostanzi li wasslu għall-ħruġ ta' din l-fattura, li l-Ewwel Qorti kkonkludiet li t-talba tal-appellant ma setgħetx tintlaqa', għaliex il-ftehim li abbażi tiegħu nħarġet din il-fattura partikolari, aktarx li ġie ffalsifikat, u bl-ebda mod ma jirrifletti l-ftehim verament konkluż bejn il-partijiet kontraenti. Il-Qorti kkunsidrat iż-żewġ fatturi b'mod separat, u filwaqt li fir-rigward tal-fattura I29020 qieset li t-talba hija msejsa fuq ftehim iffalsifikat, u għalhekk l-ammont mitlub mhuwiex dovut għaliex mhuwiex marbut mal-ftehim bejn il-partijiet, fir-rigward tal-fattura I192020 qieset li l-ammont huwa ġustifikat, u l-appellant għandu jedd jippretendi ħlas abbażi tal-imsemmija fattura. Il-Qorti taqbel mal-argument tal-appellat li l-Ewwel Qorti ma kellha l-ebda obbligu tilqa' t-talba kompletament, u kienet korretta li laqgħetha biss parzjalment. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u tiċħdu.

*It-Tieni Aggravju:* *[L-Ewwel Qorti kellha taħtar espert kaligrafiku sabiex jistabbilixxi jekk il-firma kinitx iffalsifikata jew le]*

16. L-appellant jgħid li sabiex telimina kull dubju dwar jekk kienx hemm falsifikazzjoni ta' firem, l-Ewwel Qorti kien imissha ħatret espert kaligrafiku sabiex jeżamina l-firem fuq iż-żewġ dokumenti, u jkun hu li jiddetermina jekk kienx minnu li l-firma fuq it-tieni fattura kienet iffalsifikata.

17. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li l-Ewwel Qorti kkunsidrat diversi fatturi li wassluha għall-konklużjoni li t-tieni fattura ppreżentata mill-appellant kienet ibbażata fuq dokument li ġie ffalsifikat, fosthom il-fatt li kemm il-Perit Godwin Aquilina kif ukoll l-appellat, ippreżentaw kopja tal-istess dokument, li ma kinitx

dik li kellha n-notamenti miżjuda fuqha. L-Ewwel Qorti osservat ukoll li anki mad-daqqa t'għajn, il-kaligrafija fid-dokument ippreżentat mill-appellant, hija differenti minn dik użata mill-Perit Aquilina fid-dokument ippreżentat minnu. Fattur suspettuż ieħor huwa li l-appellant baqa' jinsisti, anki bil-ġurament tiegħu, li l-ftehim kif emendat ma ġiex ffirmat mill-ġdid mill-partijiet kontraenti wara li saru xi modifiki fih. L-Ewwel Qorti, li kellha tibbaża l-konklużjonijiet tagħha fuq il-preponderanza tal-provi, fuq il-bilanċ tal-probabbiltajiet u fuq il-konvinċiment morali tagħha, kienet sodisfatta li kien hemm diversi fatturi li jindikaw li t-tieni fattura ppreżentata mill-appellant kienet ibbażata fuq dokument imbagħbas, u li ma kienx jirrifletti dak li kien miftiehem bejn il-partijiet. Il-Qorti tqis li ċertament ma kienx obbligu tal-Qorti li taħtar espert kaligrafiku sabiex jiddetermina jekk kienx hemm firem imbagħbsa, u l-indikazzjonijiet kollha huma li mhux biss il-firem ġew imbagħbsa, imma anki n-notamenti miżjuda fuq il-ftehim oriġinali. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud ukoll.

*It-Tielet Aggravju:* *[Jekk l-appellat kellu xi dubju dwar jekk firma ġietx falsifikata, kellu jitlob hu l-ħatra ta' espert kaligrafiku]*

18. L-appellant jgħid li jekk l-appellat kellu xi dubju, dwar jekk il-firma tiegħu ġietx iffalsifikata fuq xi dokument, huwa kellu l-obbligu li jitlob lill-Ewwel Qorti taħtar espert kaligrafiku sabiex jikkonferma din l-allegazzjoni. Qal ukoll li filwaqt li l-Ewwel Qorti fil-proċeduri odjern kellha tiddeċiedi abbażi ta' bilanċ ta' probabbiltajiet, dan ma jkunx suffiċjenti fi stħarriġ kriminali.

19. Il-Qorti tirrileva li anki dan l-aggravju huwa manifestement fieragħ għaliex l-appellat ma eċċepiex biss li kien hemm firma li ġiet iffalsifikata, iżda li kien hemm għadd ta’ notamenti li żdiedu mill-appellant fuq il-ftehim oriġinali bejn il-partijiet, mingħajr ma kien hemm qbil dwarhom minnu jew mill-Perit inkarigat minnu. Dan l-Ewwel Qorti setgħet tasal għalih mingħajr il-ħtieġa li taħtar espert kaligrafiku, għaliex kellha provi u indikazzjonijiet biżżejjed li juru li l-appellat u l-Perit Godwin Aquilina ma kellhom l-ebda għarfien ta’ dawn in-notamenti li mmodifikaw dak li kien miftiehem oriġinarjament.

20. B’riferiment għat-talba tal-Ewwel Qorti sabiex l-appellant jiġi mistħarreġ dwar falsifikazzjoni u sperġur, il-Qorti tirrileva li anki jekk l-Ewwel Qorti bbażat id-deċiżjoni tagħha li ġie ffalsifikat dokument, abbażi ta’ bilanċ ta’ probabbiltajiet, it-talba sabiex l-appellant jiġi mistħarreġ kriminalment tibqa’ talba għal stħarriġ li jista’ jkollha eżitu jew le. Fil-fatt l-Ewwel Qorti ma rrakkomandatx li jittieħdu passi kriminali fil-konfront tal-appellant, iżda talbet li l-ewwel issir investigazzjoni taħt diversi artikoli tal-Kodiċi Kriminali, u dan sabiex jiġi assigurat li anki dan il-proċess isir b’mod xieraq u li jirrispetta d-drittijiet tal-appellant. Il-Qorti tgħid li ma sabet xejn x’tiċċensura fid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti, u għalhekk tiċħad dan l-aggravju wkoll.

## <u>Decide</u>

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta’ u tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**